Minuti tat-tkomplija tas-70 (sebgħin) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tlieta 7 ta' Awwissu 2012 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-5.45p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Kunsilliera: Is-Sur Lorry Apap
Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Louis Stefan Magrin

Il-Viċi Sindku s-Sur Tony Borg talab li jkun skużat

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Ma kienx hemm Minuti għall-approvazzjoni peress li din hija laqgħa ta' kontinwazzjoni tal-Laqgħa numru 70, li saret nhar it-Tnejn 23 ta'Lulju 2012.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 Memos

3.1.1 Il-Kunsill ma irċieva l-ebda Memo mill-aġġornament ta' l-aħħar laqgħa.

### 3.2 Korrispondenza

3.2.1 Is-Sur Guido Zammit mill-ETC informa l-Kunsill b'e-mail li s-Sur Terry Attard u s-Sur Antoine Mercieca li huma imqabda mal-Kunsill taħt l-iskema *Xogħol Fill-Komunità* ser jitwaqfu.
Is-Sindku qal li hemm bżonn li minflokhom jintbagħat ħadd ieħor.
Il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap qal li jekk il-Kunsill hu kuntent bihom, nitolbu lil ETC biex jekk hu possibli jerġgħu jiġu imqabda mill-ġdid billi insegwu l-proċedura li titlob l-iskema dejjem jekk ħadd m'għandu xi oġġezzjoni.
Is-Sindku qal li bħas-Sur Terry Attard ftit issib għax xogħlu kien jagħmlu sew, għalhekk għandna nitolbu lil-ETC biex jibqa hawn. Waqt li fil-konfront tas-Sur Joscar Camilleri qal li lanqas huwa ħażin imma ftit anqas min ta' l-ewwel.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef qal li t-talba nagħmluha għat-2 li huma u għal dan il-membri l-oħra qablu filwaqt li is-Sur Lorry Apap tenna li dan dejjem isir jekk ma hemmx oġġezzjonijiet.

Għal dan is-Sindku qal li s-Sur Antoine Mercieca jista' jofri aktar servizz. Il-membri qablu li jekk dan jerġa jiġi imqabbad għandna narfuh b'dawn n-nuqqasijiet li irrimarka s-Sindku.

3.2.2 Ittra mingħand is-Sur Savio Debrincat, sid l-kumpanija li tiġbor l-iskart domestiku fil-Fontana. Hu qed jitlob lil Kunsill biex jikkunsidra t-talba li qed jagħmel ħalli l-iskart jibda jinġabar fis-7.30 ta' fil-għodu qabel ma it-tfal jibdew l-iskola. Il-Kunsill qabel li din hija materja li aħjar tiġi deċisa mis-residenti stess u għalhekk ser tintbagħat nota f'kull dar biex kullħadd jingħata l-opportunita li isemmi leħnu.

Is-Sindku qal li hemm bżonn nerġgħu infakru lil Dr Samuel Azzopardi biex jara jekk t-tender li kienet ħarġet għal ġbir ta' l-iskart hix valida.

3.2.3 E-mail mingħand il-Ministeru tas-Saħħa u Kura fil-Komunità għan-nomina ta' l-anzjan tas-sena.

3.2.4 Intbagħtet *screening letter* dwar it-tindif tal-Wied tax-Xlendi mill-MEPA lil Perit John Saliba datata t-30 ta' Lulju 2012 fejn qed jgħidu li issa x-xogħol ma jistax isir fiż-żmien indikat fil-Permess.

Is-Sindku qal li l-applikazzjoni ilha li għalqet mit-3 tax-xahar jiġifieri madwar 4 t'ijiem ilu. Qal ukoll l-kwistjoni kollha kienet li l-Kunsill ma ingħatax *clearance* mill-MEPA sa l-24 ta' Lulju peress li qadu jistennew lis-Sur Stephen Cachia li kien ser jagħmel s-sorveljanza waqt ix-xogħol u xħin ikkuntatjawh dan irtira mis-sorveljanza ta' dan ix-xogħol. Għalhekk issa m'hemmx min jagħmel sorveljanza.

Fid-dawl ta' dan l-Perit John Saliba din l-ġimgħa suppost għamel applikazzjoni oħra biex il-permess jerġa jiġġedded għal 5 snin oħra. Issa l-MEPA qed titlob li kuntrarju ta' dak li kien intqal qabel fil-permess, jiġifieri li x-xogħol irid isir fil-perjodu ta' Lulju u Awissu meta l-ilma jkun baxx minħabba l-qabri, issa, qed jgħidu li dan ma jistax isir peress li l-qabri jkunu jbidu. Jiġifieri anke kieku Stephen Cachia aċċetta, ix-xogħol ma setax isir għax minflok, irid isir fil-Ħarifa u x-Xitwa xħin l-qabri ikunu *hibernating*.

Fid-dawl ta' dan kollu s-Sindku informa l-Perit biex jitqabbad espert ieħor minflok Stephen Cachia u jekk dan mhux possibli ma hemm'x għalfejn l-Kunsill joqgħod jonfoq l-flus f'applikazzjonijiet biex imbagħad ma jsir xejn. Il-Perit qal li ser jara jekk l-MEPA tirrakkomandax lil xi ħadd jew inkella jkellem l-kumpanija EcoServ.

Is-Sindku talab li jekk l-Kunsill jaqbel, għanda ssir talba lill-Ministeru għal-Għawdex biex jestendu l-perjodu sa meta jrid jitlesta l-proġett biex l-fondi allokati taħt l-iskema Eko Għawdex ma jintilfux. Semma ukoll li jekk dan l-proġett mhux ser ikun possibli li jsir l-fondi għandhom jintużaw biex jitkomplew t-toroq li fadal biex isiru bl-*energy saving*. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lill-Ministru għal-Għawdex dwar dawn iż-żewġ proġetti.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li l-ġurnata ta' qabel kien ġa għamel talba lis-Sur Tony Zammit, id-Direttur tad-Dipartiment ta' Eko Għawdex.

Biex kemm jista jkun ma tintilef l-ebda opportunita ħalli dan l-proġett isir, l-Kunsill applika ukoll mal-MEUSAC taħt *Measure 413.4 – Landscaping* iżda


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

l-probabiltajiet huma ftit minħabba l-ammont limitat li fih l-fond. L-alternattiva l-oħra taħt dan l-fond hija li jsiru l-fanali tat-toroq li fadal iżda l-probilta' li din tikwalika huma mimimi ħafna ukoll. Dan skond ir-rappreżentant tal-MEUSAC is-Sur Alan Buhagiar.

3.2.5 Il-Kumpanija Vella Falzon ċemplu l-Kunsill ħalli l-ammont ta' €50 li ħalsu minħabba l-ġbir tad-dokument ta' l-OffertA *FONQ 05/2012 – Supply, Non-Slip texture Hardstone Floor Tiles for external use for the publicly accessible roof of the Fontana Local Council Offices*, jiġi rifuż. Dana peress li fuq l-gazzetta tal-Gvern ma kienx hemm speċifikat li l-madum kellu jkun maqtuħ mill-ġebla tal-qawwi ta' Malta biss iżda kienet imniżla ġewwa tad-dokument biss. Il-Kunsill qabel li jintalab parir tad-Dipartiment.

3.2.6 Ittra mil-Kappillan Dun Joseph Bajada fejn f'isem il-kumitat organizzattiv tal-Fontana Sportsfest 2012 qed jitlob biex din l-attivita' issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Din ser issir nhar bejn l-erbgħa 29 ta' Awwissu u l-Ġimgħa 31 ta' Awwissu fejn fl-aħħar tingħata tifkira lil kull tifel u tifla li jkunu ħadu sehem. Il-Kunsill qabel.

3.2.7 Il-Kappillan bagħat ittra lill-Kunsill datata 6 ta' Awwissu 2012 fejn qed jgħid li peress l-Knisja hija skedata mill-MEPA bħala binja fuq Grad 1, u riċentement il-Kunsill installa sett ta' pannelli fotovoltajici li qedin eżatt mal-binja, hu kien obligat li jinforma lis-Segretarju amministrattiv fil-Kurja tal-Isqof sabiex jipproċedi għal kjarifika ta' xi dubji imqanqla minħabba dawn il-pannelli.

3.2.8 F'ittra li nbagħtet lill-Kunsill mis-Segretarju Amministrattiv fil-Kurja tal-Isqof datata 6 ta' Awwissu 2012 bħala risposta ta' l-ittra li bagħat l-Kappillan imsemmija f'punt 3.2.7 ta' dawn l-Minuti, qed jgħid:

- Li l-pannelli għalqu d-dawl u l-arja lit-twieqi;
- M'hemmx aktar aċċess għall manutenzjoni tal-ħajt;
- Il-pannelli għamluha aktar faċli biex wieħed ikollu aċċess għal bejt tal-knisja; u
- It-toqob tal-istruttura huma imħafra qrib ħafna tal-pedamenti tas-Sagristija bil-possibilta' li jista jidħol l-ilma.

Għal din l-ittra s-Sindku qal li l-Kunsill ma hu obbligat li jinforma l-ħadd għax dak li sar sar fuq propjeta' devoluta lill-Kunsill għall-kera' ta' €1,400 fis-sena u jekk hemm xi ħaġa li tidher li mhux kif suppost, dan huwa kompitu tal-MEPA.

Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lis-Segretarju Amministrattiv fil-Kurja tal-Isqof biex b'hekk jiġi infurmat li l-pannelli saru fuq art devoluta lill-Kunsill u għalhekk ma jidhirx li kien hemm raġuni għalfejn kellha tiġi infurmata l-Kurja.

3.2.9 Mario Galea il-*contract manager* tal-bozza li twaħlet fi Triq Mons Mikiel Buttiġieġ bagħtilna korrispondenza rigward din l-istess bozza fejn qed jgħid li xebgħu jiġru wara tal-Enemalta biex jixgħelu din l-bozza.

3.2.10 *The Power House* bagħtu 10 kopji tal-mappa ta' Għawdex u f'każ li jiġi xi turist jitlob mappa l-Kunsill ikun jista jagħti min dawn. Dawn l-mapep saru bil-għan li iħeġġu aktar turisti jżuru l-gżira Għawdxija.

3.2.11 Ikkuntatjajt l-Kunsill tal-Munxar rigward l-attivita' li ssir ix-Xlendi biex issir laqgħa bejn il-membri taż-żewġ Kunsilli.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.12 L-*Emergency Response & Rescue Corps* bagħtu li qed jofru numru ta' korsijiet fuq diversi suġġetti fosthom kif jgħinu lir-residenti jfitxu x-xogħol u kif itejbu l-kwalita' tal-ħajja. Dan isir kontra pagament mil-istess parteċipanti.

**3.3 <u>Ilmenti</u>**

3.3.1 Ma kienx hemm ilmenti

## 4. <u>Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv</u>

4.1 Il-materja ma ġietx diskussa f'din il-laqgħa peress li huwa proċess ftit twil.

## 5. <u>Għoti tal-Offerti</u>

5.1 Offerta FONQ 05/2012: *Non-Slip texture Hardstone Floor Tiles for external use for the publicly accessible roof of the Fontana Local Council Offices*. Għalaq l-perjodu estiż li l-offerenti ingħataw u dawn ġabuhom biss A.F. Ellis Ltd u Gozo Concrete Products Ltd. Peress li Gatt Tarmac Ltd ma ġabhomx jiġi li dana mhux eliġibli biex ikun jista jintagħżel. Dawn t-testijiet inbagħtu lil Perit biex jagħmel ir-rapport tal-evalwazzjoni tiegħu fuq l-kwalita' tal-maduma li ż-żewġ offerenti eliġibli qed jipprovdu.
Is-Sindku qal li l-Kunsill f'dan l-istadju dejjem jista jagħmel l-għażla tiegħu mis-*samples* provduti, imbagħad jekk dan s-*sample* li jintagħżel ikun skond l-*benchmarks* stabbiliti mill-Perit, l-Kunsill jimxi mal-proċedura għall-iffirmar tal-kuntratt.
Għalhekk is-Sindku u l-Kunsilliera preżenti wara li raw il-kampjuni taż-żewġ offerenti eliġibli qablu fuq wieħed mill-kampjuni tad-ditta A.F. Ellis Ltd, dak il-kampjun li huwa bajdani u bil-vini. Is-Sindku ippropona li jekk din ma tilħaqx il-livelli meħtieġa, inmorru għall-kampjun l-ieħor li huwa safrani.
Issa biex jiġi ikkonfermat dan l-kampjun l-Kunsill jonqsu r-rapport ta' l-evalwazzjoni tal-Perit.

5.2 Offerta FONQ 06/2012: *Excavation of site, and Construction of two garages, site at Triq ta' Mulejja, Fontana, Gozo – Phase 3 of the Civic Centre*. L-Aġent Segretarju informa lill-Membri tal-Kunsill li intbagħtet l-ittra lill-offerenti jekk ġewx magħżula jew le għal iffirmar tal-kuntratt u li min iħossu inġurjat għandu d-dritt li jappella.

5.3 Offerta FONQ 07/2012: *Patching works using Hot Asphalt in various streets of Fontana*. Skond ir-rapport tal-Perit John Saliba, meta din l-Offerta titqabbel ma' dik li ħarġet f'Settembru tal-2010, wieħed jinnota li hemm żieda notevoli fil-prezz, iżda waħda mir-raġunijiet hu l-fatt li din hi bil-*Hot Asphalt* u mhux bil-*Cold Ashalt*.
Is-Sindku innota li f'ħafna mill-offerti l-Periti tal-proġett ikunu l-*contracts manager* ukoll u skond kif kien elenkat fir-rapport tal-Awditur din s-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

sitwazzjoni tista toħloq konflitt ta' nteress. Għalhekk issuġġerixxa li kemm jista jkun nevitaw sitwazzjonijiet bħal dawn.
Is-Sindku ippropona li nikkuntatjaw lil ta' Gatt Tarmac Ltd biex ikun preżenti fil-laqgħa li jmiss ħalli jġi diskuss l-prezz ta' l-offerta, jiġifieri jekk hemmx lok għal tnaqqis mill-ammont ta' (€15,495.00). Il-membri qablu.

## 6. Mistoqsijiet

6.1 Ma kienx hemm mistopsijiet.

## 7. Approvazzjoni ta' Kontijiet

7.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-Membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-Ċedola annessa.

## 8. Mozzjonijiet

8.1 Ma tressqet l-ebda mozzjoni.

## 9. Materji Oħra

9.1 Is-Sindku qal li l-bozoz taż-Żebra Crossing issa huma mitfija t-tnejn u li minkejja li ilhom jiġu rappurtati lill-Enemalta dawn għadhom ma sarux u qed jeħel l-Kunsill meta dawn huma responsabiltà tal-Gvern Ċentrali.

9.2 Is-Sindku semma li l-bozza li twaħlet fi triq Mons Mikiel Buttigieg għadha ma bdietx tixgħel u dan meta kollox qiegħed skond l-permessi. Hu qal li skond kif infurmah l-*contract manager* is-Sur Mario Galea, l-Enemalta għandha proċedura ġdida li qeda tieħu kważi 3 xhur biex bozza tinxtegħel u fid-dawl ta' dan issuġġerixxa li niktbu lil Enemalta għalfejn dan d-dewmien żejjed.

9.3 L-Aġent Segretarju attenda Seminar li sar fl-Oratorju Don Bonco imtella mil-EUPA fuq stedina tagħhom stess fejn ġie spjegat il-*Youth in Action Programme*.

9.4 Is-Sindku attenda għaċ-ċerimonja tat-tqassim tal-fondi li kien għadt fadal pendenti tal-proġetti li saru taħt l-ewwel sejħa ta' l-Eko Għawdex. B'hekk ingħalqu l-proġetti tar-replika ta' l-Għajn tal-Loġoġ u l-fanali *energy saving* u *environmentally friendly*.

9.5 Intbagħtu l-invoices hekk kif mitluba min GreenMT ta' l-attivitajiet kulturali tal-2010 u l-2011 kif ukoll ta' l-ammonti dovuti tal-ġbir ta' skart riċiklat. Is-Sindku fakkar li dawn mhux qed iħalsu l-ammonti dovuti u wara diskussjoni li kellu mar-rapreżentant tagħhom f'Għawdex, ftiehem magħhom li l-Kunsill ser itihom chance sa għada 8 ta'Awwissu u jekk l-pagament ma jasalx jinbdew diskussjonijiet mal-kumpanija l-oħra li toffri l'istess tip ta' servizz.

9.6 Rigward l-pagament tar-rekalm tal-Festival tan-Nar li sar fir-rivista' *Let's Gozo* huwa fil-fatt ta' €531 għax l-ammont ta' €450 li oriġinarjament kellu


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

jitħallas ma kienx jinkludu l-VAT. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv sab li l-*broucher* li mexa' magħha l-Aġent Segretarju ta' qabel, kellha nota isfel li tgħid li l-prezzijiet ikwotati ma jinkludux VAT. Għal din r-raġuni, la kien hemm indikat li l-prezzijiet huma bla VAT, l-ammont mitlub ta' €531 irid jitħallas.

9.7 Is-Sindku qal li l-Gvern ser joħroġ skema iffinanzjata minnu biex il-Kunsilli jkunu jistgħu iqabdu persuni b'diżabilita'. Għalhekk, s-Sindku qal li l-Kunsill jista jitlob li jqabbad wieħed biex jagħmel xogħol klerikali u jifranka milli jkollu jqabbad skrivan peress li l-fondi allokati huma limitati.

9.8 Is-Sindku qal li fuq il-gazzetta l-Orizzont kien hemm artiklu fuq l-Festival tan-nar fejn qed jgħid li sewa mal-€50,000. Dana ma huwa veru xejn għax t-total tal-ispejjeż marbuta ma dan l-Festival huma ta' madwar €15,000.

9.9 Is-Sindku informa l-Kunsill li qed isir l-ħasil ta' Pjazza l-Għejun ta' kull ġimgħa ħalli jinżam nadif.

9.10 Il-Kunsill kien ser jixtri *recycling bin* għalfejn il-Għajn iżda tal-GreenMT ser jagħtuna wieħed b'xejn.

9.11 Is-Sindku ippropona li issir ħarġa għat-tfal Malta fejn inmorru dawra mal-Port il-Kbir u dak ta' Marxamxett bid-dgħajsa u wara Bugibba ħdejn l-*Water Park* li għadu kif infetaħ u jekk ikun fadal ħin inmorru ngħumu f'xi bajja kif ukoll ħarġa ta' nofs ta' nhar f'Għawdex. Il-Kunsill qabel.

9.12 Il-bankina ta' quddiem iċ-Ċentru Ċiviku saret qabel il-festa.

9.13 Hemm bżonn issir biċċa *railing* ma xiex in-nies ikunu jistgħu iżommu ħdejn rampa li hemm taħt ir-*railing* fi Triq il-Għajn. Il-Kunsill qabel.

9.14 It-tabella biex ma jitimgħux qtates fi Triq l-Isptar San Ġiljan ġiet ivvandalizzata u erġajna waħħalna waħda minflokha.

9.15 It-tabella biex l-klieb ma jitħallewx iħamġu fi Triq Wied Siekel tqaċtet u irmewha. Is-Sindku semma li jixraq kieku issir *camera* li taħdem bis-'*solar energy*' biex forsi tkun ftit ta' deterrent għal dawk li jħallu l-klieb tagħhom iħamġu.

9.16 Is-Sindku semma li hekk kif kien ġie ordnat mill-*Monitoring Unit* mis-Sur Joseph Tabone, lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv preċedenti s-Sur Joseph Farrugia, irid isir r-Rapport Amministrattiv għas-sena 2011 u l-Budget li ma kienx sar tajjeb mis-Sur Karl Vella. Is-Sindku qall ukoll li hemm bżonn li jitqabbad xi ħadd biex jagħmel dan ix-xogħol ħalli inkunu konformi mal-liġi. Is-Sindku qal li kien ġie infurmat b'din il-korrispondenza mibgħuta mill-*Monitoring Unit* fil-preżenza tas-Sur Victor Cefai u Harace Micallef iżda qatt ma tresqet fil-Laqgħa.

9.17 Il-*Quarterly Report* ta' Marzu għadu ma sarx u lanqas dak ta' Ġunju peress li dak iż-żmien ma kien hawn ħadd.

9.18 Is-Sindku qal li jekk hemm bżonn toħroġ *Quotation* biex dak hemm imsemmi fil-*Management Letter* isir bħalma kien ġie maqbul meta tresqet fil-Laqgħa. Dana biex l-affarijiet ikunu kif mitlub mil-liġi.

9.19 Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Alan Buhagiar rappreżentant tal-MEUSAC dwar l-applikazzjoni tal-proġett *Measure 413.4 – Landscaping*.

9.20 Saret ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana fl-okkażżjoni tal-Festa tas-Salvatur f'Ħal Lija. Attendew 18 il-persuna fosthom is-Sindku.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.21 Saret Bus Stop fi Triq il-Għajn faċċata ta' Triq il-Kappillan Hili min Transport Malta.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.00p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-31 ta' Awwissu 2012, fil-5.30p.m.

Louis Stefan Magrin
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555